# ITTRA ANONIMA TA' L-1912 KONTRA L-KAPPILLAN CORTIS U TWEĠIBA GĦALIHA

minn Alexander Bonnici OFM Conv.

Fl-1994, kelli s-sodisfazzjon li nara miġburin fi ktieb il-kontributi storiċi tiegħi għall-istorja tal-Mellieħa.[1] Jiena fraħt b'dan għax fil-fatt kull kitba kienet saret b'impenn. L-interess ivarja minn artiklu għal ieħor, mhux għaliex xi darba l-impenn tiegħi ikun anqas, imma għax id-dokumentazzjoni minnha nnifisha mhux dejjem tkun ta' l-istess valur. Madankollu, bil-kitbiet tiegħi, ma wasalniex fit-tmiem ta' l-istorja tal-Mellieħa, lanqas ta' dik li tintrabat mal-knisja parrokkjali u s-Santwarju. Għalkemm dan il-post fl-imgħoddi kien ċkejken, dejjem għad hemm il-possibiltà li jiġi skopert il-gdid, jew dak li ma nafuhx biżżejjed, jew dak li, għal raġunijiet evidenti kien moħbi. Korrispondenza bejn il-Kappillan u l-Awtoritajiet tal-Knisja tkun konfidenzjali f'dak iż-żmien li tinkiteb. Imma, imbagħad, meta jgħaddu s-snin, issir materjal għall-istorja. Ta' din l-għamla hi l-kitba ta' żmien il-Kappillan Dun Kalru Cortis. Wara iżjed minn tmenin sena minn meta nkitbet, inħarsu lejn il-kitba biex naraw x'dawl ġdid titfa' fuq il-Mellieħa.



*Il-Kappillan Cortis*

**Żmien Kappillan Għaref**

Jiena u nistudja dwar il-Mellieħa, kull Kappillan ġie studjat minn dak li nstab dwaru. Imma l-ewwel Kappillan tal-Mellieħa li jiena ratju personalment kien **Dun Karlu Cortis.** Kien ilu ħafna li spiċċa mill-Mellieħa għax jiena ġie li ltqajt miegħu f'dak iż-żmien li kien Arċipriet u mbagħad Kantur tal-katidral ta' Malta. Kien jolqotni bid-dehra serja u bil-ħarsa penetranti u ntelliġenti ta' għajnejh. Wieħed mill-pro-neputijiet tiegħu kien miegħi fl-istess Kulleġġ tal-Franġiskani Konventwali tar-Rabat.

Minn dejjem kien hemm stima ta' Dun Karlu Cortis. Jiena, fuq l-imgħoddi tiegħu, ma kont naf xejn. Iżjed tard, sirt naf li kien twieled fl-1878, fin-Naxxar, li hi parroċċa ddedikata lil Marija Bambina. L-istudji tiegħu biex isegwi l-vokazzjoni tiegħu għal saċerdot ma kenux dawk komuni ta' saċerdoti oħrajn. Minbarra li kiseb id-dottorat fit-teoloġija fl-Università ta' Malta, hu rebaħ borża ta' studju tal-Gvern Malti, u ntbagħat Ruma biex jisspeċjalizza fil-Bibbja u fil-Liġi tal-Knisja. Ġie Malta b'lawrja oħra, u l-Arċisqof Pietru Pace kien qed jitfa' għajnejh fuq dak is-saċerdot żagħżugħ li, minn meta ġie kkonsagrat Ministru ta'Kristu fl-1903,beda juri x'kien isarraf. Hu kien qed iservi lid-djoċesi billi jgħin bħala professur fis-seminarju u fl-Università ta' Malta. Is-seminaristi ta' ftuħ dan is-seklu sabu fih wieħed mill-għalliema tagħhom.

Cortis kien donnu maqtugħ biex jibqa' jagħti kontribut siewi fil-qasam ta' l-istudju. Sa minn qabel ma ordna saċerdot, hu kien qed jikteb xi artikli 'l hawn u 'l hinn. Imma dan

il-qassis gharef, meta kien ta' tletin sena, daħal għall-konkors biex isir kappillan tal-Mellieħa. Fl-1908, b'reskritt tas-Santa Sede, l-għażla waqgħet fuqu.

Ma naħsibx li niżbalja jekk ngħid li Cortis kien l-iżjed wieħed għaref fost il-kappillani kollha tal-Mellieħa li nafu bihom. Għalkemm mgħobbi bix-xogħol ta' Kappillan, hu baqa' jikteb. Kien jikteb bit-taljan, u fl-Arkivju tal-katidral ta' Malta jeżistu xi bijografiji ta'Monsinjuri tal-katidral bil-latin miktubin minnu. Għall-Mellieħa, hu ta kontribut fl-istorja tas-Santwarju, meta ppubblika *Il Santwarju e La Madonna 'Tal-Mellieħa'*. [2]

**Bejn Parroċċa u Santwarju**

Il-Mellieħa ta' żmien il-Kappillan Cortis (1908-1921) kien fiha madwar 3,000 ruħ. Hu kien l-ewwel Kappillan li, mill-bidunett tal-ħatra tiegħu, mar fil-knisja l-parrokkjali l-ġdida, li kienet għadha kif inbniet. Kien kappillan li fehem tajjeb li s-Santwarju tal-Madonna, għalkemm ma kienx għadu iżjed il-knisja parrokkjali, ma setax jintelaq. Hu kien konvint li, fil-qagħda ta' dak iż-zmien, ħadd ħlief il-Kappillan innifsu ma seta' jieħu ħsieb it-tmexxija tas-Santwarju. Kien għad ma hemmx lanqas xi komunità ta' sorijiet li jgħinu fil-bżonnijiet tas-Santwarju. Is-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù ta' Madre Marija Tereża Nuzzo daħlu fil-Mellieħa u bdew jagħtu għajnuna fis-Santwarju fl-1938, fi żmien is-suċċessur ta' Cortis. [3]

Għalhekk, Cortis kien il-Kappillan tal-Parroċċa, ir-Rettur tas-Santwarju, u Prokuratur kemm tal-knisja parrokkjali kif ukoll tas-Santwarju. Imma kien hemm xi ħadd li ma kienx kuntent li l-kappillan żamm f'idejh dawn ir-responsabbiltajiet kollha. Kien hemm min ipponta subgħajh lejn Cortis biex jakkużah, imma fl-istess ħin ġieb ruħu ta'ġifa għaliex ħeba ismu.

**Ittra Anonima b'Theddida**

Qegħdin fis-sena 1912, li hi l-ħames waħda ta' Cortis fil-Mellieħa. Fl-10 ta' Novembru, Mons. Dun Alwiġ Attard, il-Vigarju Ġenerali, irċieva ittra anonima li sa llum għadha miżmuma fl-Arkivju tal-Kurja ta' l-Arċisqof, il-Furjana. [4]

Xi ħadd, li nissopponu li kien il-Kappillan innifsu, madwar erbgħin ġurnata qabel, kien kiteb ittra lill-Awtorità tal-Knisja biex fisser li l-oġġetti li kienu tal-Fratellanzi tal-Mellieħa kienu miżmumin tajjeb.Il-kittieb ta' l-ittra anonima kien jaf b'dik l-ittra. Hu ammetta li dak li nkiteb ma kienx ħlief il-verità. Imma kien għad fadal ħafna x'isir. Minn dan ħadd ma kellu dubju. Kienet għadha kif inbniet knisja, li n-nefqa għaliha kienet kbira ħafna, u ma kienux jifilħu għaliha, li kieku ma kienx hemm id-dehebijiet u l-fided tas-Santwarju.
Madankollu, il-kitieb ta' l-ittra anonima ma kellux f'moħħu li jintlef f'tifħir. Kien qed jinħass ħafna, fil-fehma tiegħu il-bżonn ta' prokuratur għall-knisja parrokkjali u għas-Santwarju. Kien mixtieq li jkun hemm prokuratur li ma jkunx imtaqqal b'ħidmiet pastorali. F'kelmiet oħrajn, il-kittieb lill-Vigarju kien qed jgħidlu li ma jistax ikun li l-prokuratur jibqa' l-Kappillan. Xi żmien qabel, il-Vigarju kien wiegħed li, f'każ ta' bżonn, tintbagħat xi persuna minn x'imkien ieħor għal dik il-ħidma.

Il-kittieb anonimu juri li ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni. Fil-fatt, kif kiteb hu, kien hemm nuqqas ta' ħafna paramenti sagri għax "bi traskuraġni" ma sarux. Il-Vigarju ġie ssikkat b'kelmiet qawwija ħalli jsib rimedju għal dan.

L-ittra anonima għalqet b'theddida. Jekk sa tmiem dik il-ġimgħa, il-Vigarju Ġenerali ma kienx se juri li kellu f'moħħu li japplika l-miżuri meħtieġa, il-kittieb ta' l-ittra kien beħsiebu jressaq rikors quddiem Tribunal superjuri. Issokta jheddu li, lilu bħala Vigarju Ġenerali, ma kienx jaqbillu jekk xi ħadd jasal għal akkuża bħal dik kontra tiegħu.

**Cortis igiddeb u jinforma dwar Fratellanzi**

Mons. Attard, il-Vigarju, ma bażax minn dik it-theddida. Imma lill-ittra ta kasha aktar milli kien jisthoqqilha. Ittra anonima setgħet sempliċement tiġi skartata. Għalhekk, il-Vigarju għamel kopja tagħha u bagħatha lill-Kappillan Cortis innifsu, ħalli dan ikun jaf x'kien qed jinktieb kontra tiegħu.

Bla dewmien, fl-14 ta' Novembru 1912, il-Kappillan Cortis wieġeb lill-Vigarju. Hu beda biex qallu li ma kienx ta' min jorbot fuq dak li jkun fiha ittra anonima. Il-kappillan kien konvint li l-ittra nkitbet minn wieħed li għalih kulma jgħamlu l-oħrajn hu dejjem ħażin.

Cortis ma kienx jaqbel ma' l-għażla ta' Prokuratur li ma jkunx il-Kappillan innifsu. Ma kienx hemm għalfejn jissir prokuratur għax, fil-fatt, id-dħul kien miżeru ħafna.

Il-Kappillan għadda biex aċċerta li ma hux minnu li hu kellu kollox f'idejh.Kien hemm erba' Fratellanzi li kull waħda kellha xi prokuratur. Il-Fratellanzi tas-**Sagrament**, tar-**Ružarju**, u ta' **San Ġużepp** kellhom prokuratur differenti għal kull waħda minnhom; dan kien lajk. Il-Fratellanza tal-**Qalb ta' Ġesù** kellha 'l Dun Franġisk Debono bħala prokuratur. Kull wieħed minn dawk l-erba' prokuraturi kien ġie approvat mill-Kurja l-Kbira ta' l-Isqof.

**Il-Ħsieb ta' Żewġ Knejjes**

Il-Kappillan żied jikteb li Dun Franġisk Debono kien ukoll il-Viċi-Parroku tal-Mellieħa. Kellu f'idejh bosta ħdimiet oħrajn. Indirettament, Cortis ried jgħid li ma kienx il-każ li l-prokura tal-Knisja titħalla f'idejh. Min-naħa l-oħra, ma kienx jaqbel li Cortis jitlaq minn idejh il-prokura.

Kien hemm żewġ knejjes f'idejn il-Kappillan: il-Parrokkjali u s-Santwarju. Kienu miżmumin tajjeb. Kienu dejjem nodfa u fihom kulħadd kien isib kulma setgħu jistennew f'żewġ knejjes foqra, imma kkurati tajjeb. Tul l-aħħar erba' snin minn mindu beda jmexxi 'l-parroċċa, Cortis ħa ħsieb biex jgħammar 'il parroċċa u s-Santwarju b'ħafna affarijiet meħtieġa. Fil-fatt, kien hemm xi bżonnijiet neqsin. Imma min iżur dawk il-knejjes, kien jintebaħ mad-daqqa ta' għajn kemm kienu għaddejjin għall-aħjar.

L-idea tal-kittieb anonimu, fil-fehma ta' Cortis, kienet kuntrarja għal dak li kienu jaħsbu n-nies tal-Mellieħa. Qatt ħadd ma ħolom li jneħħi l-prokura minn idejn il-kappillan. Bil-maqlub, in-nies kienu konvinti li, f'idejn il-Kappillan, il-Prokura timxi aħjar. Madankollu, Cortis żied li, fil-kuxjenza, hu nnifsu ma setax jgħid li ma kienx fadal ħafna x'jirranġa biex l-affarijiet imorru aħjar, anki fil-qasam pastorali.

**Jistennew kollox mill-Kappillan**

Biex jissokta jiddefendi l-fehma tiegħu, Cortis żied li jkun ta' ħsara kbira għall-parroċċa jekk il-prokura titteħidlu minn idejh. Kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidmiet ġewwa l-knisja, kif ukoll f'dak li jsir 'il barra minnha, il-pubbliku jistenna kollox minn idejn il-Kappillan. Ma kienx il-każ li hu jibgħathom għand xi ħadd ieħor.

F'parroċċa ċkejkna bħalma kienet il-Mellieħa, kien jinħass li l-Kappillan kien kollox. Quddiem il-poplu, hu kien igawdi fiduċja sħiħa. Cortis żied li dik il-fiduċja ma kenitx tinħass lejn xi persuna oħra li titqegħdilhom. Għalhekk, jekk il-Kappillan ikollu jiġi mġiegħel iħalli minn prokuratur, hu kien se jsib ruħu f'saram kbir. Ma kienx ikun jaf kif jinħall minn dak ix-xkiel. Xorta waħda, in-nies kienu se jibqgħu jfittxu lilu, u b'hekk il-komplikazzjonijiet jiżdiedu.

**Faqar u Abbużi**

Kien hemm problemi oħrajn ukoll. Prokuratur ikun irid jitħallas. Imma l-parroċċa, fil-faqar tagħha, ma setgħetx tittaqqal b'dak il-piż. Il-ftit flus li kienu jinġabru setgħu jintefqu f'dawk l-affarijiet li kienu għadhom nieqsa.

Il-flus ma kenux il-problema waħdanija. Fil-fehma tal-kappillan, ma kien hemm l-ebda persuna oħra li kienet tgawdi l-fiduċja tan-nies. Il-biża' l-iżjed kbir tal-Kappillan kien il-prokuratur jabbuża mill-amministrazzjoni. Il-Kappillan donnu kellu xi kas partikulari f'moħħu għax hu xtaq li l-Vigarju jirrifletti ħafna fuq dan.

Xi żmien qabel, tul il-parrokat ta' Dun Franġisk Magri (1880-1907), Dun Franġisk Debono kien tħabat biex jiġi nnominat prokuratur tas-Santwarju. Imma kien ġara li xi persuni, bħala delgazzjoni tal-pubbliku, marru għand l-Arċisqof Pace biex jipprotestaw ħalli dan ma jippermettix li l-prokura tittieħed minn idejn il-Kappillan. Fil-fatt, fi żmien Magri, kien hemm bżonn aktar ta' Prokuratur għax dak il-Kappillan ma kellu 'l ħadd biex jgħinu fil-prokura. Cortis kellu erba' prokuraturi li għenuh fit-tmexxija tal-Fratellanzi.

**Ix-Xhieda tal-Fatti**

Biex żgur jiġi emmnut, Cortis ippropona lill-Vigarju Ġenerali biex dan jikkonsulta lil Dun Franġisk Magri, li f'dak iż-żmien kien Monsinjur tal-Katidral. Hu semma wkoll lill-Professur G. Eliseo Riscoto, taljan resident fil-Mellieħa. Il-kappillan kien żgur li dawk kienu żewġ xhieda li ma kellhomx għalfejn jiddefendu lill-mexxej tal-parroċċa, jekk mhux għax kien jistħoqqlu tassew.

Cortis ma xtaqx lill-Vigarju Ġenerali jieħu deċiżjoni għax jorbot sempliċement fuq il-kelmiet tal-Kappillan. Mons. Attard sata' jitkixxef il-fatti hu personalment. Sata' jqabbad ukoll li xi ħadd biex jitkixxef



*Dun Franġisk Debono*

f'ismu. L-importanti kien li min jitkixxef ma jkunx qed ifittex ħlief il-ġid veru tal-parroċċa tal-Mellieħa. Cortis innifsu kien konvint li ma kienx qed ifittex l-interessi tiegħu personali.

F'din il-kitba, hemm għallanqas żewġ indikazzjonijiet indiretti li l-ittra anonima kienet intbagħtet minn Dun Franġisk Debono. Dawn qegħdin fil-fatt li Cortis ma rahx il-persuna adatta biex ikun prokuratur (a) għax kien mgħobbi b'xogħol ieħor u (b) għax il-poplu kien diġà wera li ma xtaqx lil-prokura tas-Santwarju tingħata f'idejn il-qassis.

Għalhekk, ma tbiddel xejn. Imma din l-ittra anonoma u t-tweġiba għaliha jitfgħu ftit dawl ieħor fuq il-qagħda soċjali tal-Mellieħa, il-knisja parrokkjali u s-Santwarju, il-kleru u l-poplu.

DOKUMENTAZZJONI


1. Ara Alex. Bonnici, *Il-Mellieħa fid-dawl ta' ġrajjiet is-Santwarju u l-Parroċċa*, 1994, pp. 139.
2. *Ib.*, pp. 122-124.
3. Id., "Il-Mellieħa: Kunvent S. Tereża ta'Ġesù", f'*Madre Marija Tereża Nuzzo*, 1986, pp. 302-307.
4. AAM, *Atti Ċivili*, 1912, n. 131.